MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 15/1995/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Charles Axisa bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Practical Trading Company Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. B'citazzjoni pprezentata mill-attur, il-Kontrollur tad-Dwana quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Jannar, 1995, kontra l-konvenut Charles Axisa nomine, wara li ppremetta illi s-socjeta` konvenuta kienet importat konsenji ta' "Chocolate Confectionery" fil-15 ta' Marzu, 1993, u fit-22 ta' Marzu, 1993, fuq il-bastiment 'Paris' u 'Norasia Sun' rispettivament, illi fir-rigward ta' din il-merkanzija l-konvenut nomine Charles Axisa huwa debitur versu l-attur fis-somma ta' tlett elef, mija, tmienja u tmenin lira Maltija (Lm3,188) dovuta bhala bilanc ta' dazju fuq l-oggetti msemmija, illi l-konvenut nomine, ghalkemm interpellat, baqa' inadempjenti, **talab** li dik il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvneut nomine jhallas is-somma ta' Lm3,188 bhala bilanc minn somma aktar ta' dazju fuq "Chocolate Confectionery" importata fil-15 ta' Marzu, 1993, u fit-22 ta' Marzu, 1993. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 1994, kontra l-konvenut nomine.

## L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA

2. Il-konvenut nomine Charles Axisa eccepixxa hekk:

(i) L-inkompetenza ta' din il-Qorti (Prim Awla tal-Qorti Civili) 'rationae materiae', stante li hu jirrapprezenta socjeta` kummercjali, u ghalhekk il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerc;

(ii) Illi l-attur thallas ghas-saldu d-dazju kollu lilu dovut kif jirrizulta ampjament mir-ricevuta rilaxxata lill-konvenut nomine;

(iii) Illi l-ebda bilanc ma huwa dovut lill-attur kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2000, dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvneut nomine Charles Axisa, laqghet it-talba ta' l-attur il-Kontrollur tad-Dwana, u, konsegwentement, ikkundannat lill-istess konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, mija, tmienja u tmenin lira Maltin

(lm3,188) ghar-ragunijiet u kif mitlub fic-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**L-APPELL TAL-KONVENUT NOMINE**

4. Il-konvenut nomine Charles Axisa hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravju segwenti:

(i) Illi r-ragjonament kollu tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, hu bazat fuq l-argument li la darba s-‘supplier’ ta’ barra naqas li jipproduci lid-Dwana Ingliza dokumenti biex jikkorobora d-dikjarazzjoni konvenuta fl-EURO1, awtomatikament din ggib maghha l-konsegwenza allura li tali merkanzija ma kienitx fil-fatt torigina minn pajjiz ta’ l-Unjoni Ewropeja kif kien hemm dikjarat mis-‘supplier’ fl-istess certifikat rilaxxjat minnu;

(ii) Illi tali argument bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti huwa ghal kollox zbaljat in vista tal-fatt li tali nuqqas ta’ ko-operazzjoni da parti tas-‘supplier’ ta’ barra mhux necessarjament iggib maghha l-konsegwenza negattiva msemmija fl-istess sentenza. Tali nuqqas ma jwassalx la legalment, u wisq anqas fattwalment, ghal tali konkluzjoni negattiva fil-konfront tas-socjeta` konvenuta;

(iii) Illi l-fatt li s-‘supplier’ Ingliz naqas li jipprezenta d-dokumenti rikjesti, dan iwassal ghall-fatt biss li s-socjeta` konvenuta giet mghobbija b’piz aktar biex tipprova li l-origini dikjarata kienet fil-fatt gusta u veritiera u mhux li tali dikjarazzjoni kienet ta’ bilfors zbaljata u inkorretta;

(iv) Illi fil-fatt is-socjeta` konvenuta umilment tissottometti li ghalkemm huwa minnu li s-‘supplier’ taghha ta’ barra naqas li jikkopera mad-Dwana Ingliza, fil-process xorta wahda jezistu provi sufficjenti u konvincenti li jindikaw li l-origini tal-merkanzija ‘de quo’ kienet fil-fatt torigina mill-Unjoni Ewropeja u, kwindi, id-dikjarazzjoni maghmula kienet veritiera, irrispettivament minn nuqqas ta’ ‘supporting documents’ tas-‘supplier’.

Illi mbaghad, l-appellant konvenut nomine ghadda biex isemmi dak li, skond hu, isahhu l-argument tieghu kontenut fl-aggravju (iv) kif suespost.

L-appellant ghalhekk talab li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tigi modifikata u varjata minn din il-Qorti ta’ l-Appell, fis-sens li, filwaqt li ghandha tikkonferma c-cahda ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta’ liema eccezzjoni l-istess appellant nomine ma baqax jinsisti fuqha, mill-banda l-ohra ghandha tilqa’ t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu u, konsegwentement, tichad it-talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELLAT**

5. L-appellat Kontrollur tad-Dwana wiegeb illi fil-mertu s-sentenza deciza fit-2 ta’ Ottubru, 2000, hija gusta u timmerita konferma, u, wara li ta r-ragunijiet tieghu l-ghaliex, u ndika li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza u rriserva li jaghmel osservazzjonijiet u provi ulterjuri, jekk ikun hemm bzonn, talab li din il-Qorti ta’ l-Appell joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, u hekk tichad it-talbiet tal-konvneut appellant, bl-ispejjez kontra tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

6. Ghal dawk li huma l-fatti dwar l-importazzjoni tal-merkanzija koncernata, dawn jirrizultaw cari mill-provi, kif riprodotti fis-sentenza appellata, u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom mill-partijiet. Mhux il-lok, ghalhekk, li l-fatti jerghu jigu riportati hawnhekk, izda semplicement issir riferenza ghalihom kif ben deskritti fis-sentenza appellata, u din il-Qorti taghmilhom taghha bhala parti mis-sentenza taghha. (ara l-kopja tas-sentenza appellata li qed tigi annessa bhala Appendici “A” ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha).

Ma hemm ebda dubbju wkoll li l-appellant konvenut nomine kien hallas d-dazju minnu mitlub mill-attur allura fiz-zmien ta’ l-importazzjoni taz-zewg konsenji ta’ “Chocolate Confectionery”, u dan a bazi tad-dokumenti li gew prezentati minnu lid-Dwana Maltija, liema dokumenti gew verifikati u accettati mill-istess Dwana.

7. Li hu kontestat, essenzjalment, hu jekk l-attur, il-Kontrollur tad-Dwana jigifieri, wara li accetta l-hlas tad-dazju kollu minnu ikkalkulat u mitlub, (u effettivament, ghalhekk, irrilaxxja dik il-merkanzija favur l-appellant), kellux jew le d-dritt li sussegwentement jitlob verifika ulterjuri dwar ic-certifikati EURO1 mid-Dwana Ingliza, u, wara li saru dawn il-verifiki, johrog dik li tissejjah il-“Post Entry” li permezz taghha talab id-dazju addizzjonali, jew ulterjuri, ta’ Lm3,188.

Illi hawnhekk ghandu jigi rilevat li a bazi tad-dokumenti prezentati mill-konvenut appellant nomine ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni, kien hemm dawn il-“EURO1 certificates” li permezz taghhom dawn jiccertifikaw li l-merkanzija kienet torigina minn xi pajjiz gewwa l-Komunita` Ewropeja u b’hekk l-importatur ta’ dik il-merkanzija (f’dan il-kaz l-appellant konvenut nomine) jibbenefika, jew fil-fatt ibbenefika, minn rata preferenzjali ta’ dazju fuq dik il-merkanzija. Hekk gara f’dan il-kaz u Charles Axisa nomine kien inghata dan il-beneficcju ta’ rata preferenzjali ta’ dazju fuq iz-zewg konsenji fuq imsemmija.

8. Illi jirrizulta mill-provi, u dan mhux kontestat, illi wara li kienu saru l-verifiki mid-Dwana Ingliza fuq talba tad-Dwana Maltija, dik Ingliza kienet infurmat lid-Dwana Maltija, li d-dikjarazzjonijiet fuq l-EURO1 certificates, li a bazi taghhom, kif intqal, is-socjeta` konvenuta kienet inghatat rata preferenzjali ta’ dazju, ma kienux gew sostanzjati mill-esportatur Ingliz, almenu in parti. Fil-fatt fil-EURO1 certificate numru R537987 li jirrigwarda l-merkanzija mportata bil-vapur ‘Paris’, l-ebda dokument ma gie prezentat mid-Dwana Ingliza biex juri li dik il-merkanzija originat mis-suq Ingliz ghal dik li hi manifattura. Filwaqt li dwar il-merkanzija l-ohra li giet bil-vapur ‘Norasia Sun’ (EURO1 certificate numru S 209778), parti biss minnha kienet torigina minn xi pajjizi ta’ l-Unjoni Ewropea, u ghall-parti l-ohra ma gewx prezentati dokumenti biex jipprovaw l-origini.

Illi kien proprju ghalhekk li, allura, l-attur deherlu li kellu jaghmel il-verifiki mehtiega mad-Dwana Ingliza, u, wara li

rcieva l-informazzjoni minn din, hareg il-'Post Entry' dwar il-parti tal-merkanzija li skond l-istess Dwana Ingliz ma kienx hemm il-prova necessarja li turi l-origini taghha minn xi pajjiz ta' l-Unjoni Ewropeja. Rega', ghalhekk, gie kalkulat id-dazju dovut fuq din il-merkanzija bir-rata normali ta' 40% applikabbli ghall-merkanzija li torigina minn barra l-Komunita` Ewropeja, u talab lis-socjeta` konvenuta thallas din id-differenza, cioe` fl-ammont ta' Lm3,188.

9. Bazikament, mela, il-kontestazzjoni kollha ta' l-appellant hi li hu ma ghandu jhallas l-ebda dazju ulterjuri l-ghaliex hu kien ihallas dak kollu li kien gie mitlub ihallas mid-Dwana Maltija wara li din kienet ivverifikat id-dokumenti minnu prezentati ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni, u accettathom. Essenzjalment, l-appellant qed jghid li l-attur ma kellu l-ebda dritt li jaghmel verifiki ulterjuri wara li kien gia` accetta d-dokumenti kollha tal-konvenut nomine u kien sodisfatt bihom li dawn kienu juru li l-merkanzija kollha kienet torigina mill-Komunita` Ewropea. Hu jghid li jekk kien hemm xi nuqqas da parti tas-'supplier' ta' barra, hu ma ghandu jbati xejn minhabba dan in-nuqqas jew zball ta' haddiehor.

10. Issa, ghalkemm jirrizulta li f'dan il-kaz il-Kontrollur tad-Dwana, l-attur, kien originarjament accetta d-dokumenti kollha tal-konvenut nomine, u li, ghalhekk, in bazi taghhom, is-socjeta` konvenuta kienet ibbenifikat minn rata preferenzjali ta' dazji, dan il-fatt wahdu bl-ebda mod ma jwaqqaf lill-Kontrollur tad-Dwana Maltija milli sussegwentement jaghmel verifiki ulterjuri li hu jhoss jkunu necesarji jekk ikollu suspett li il-EURO1 certificates ma jkunux jirriflettu b'mod realistiku l-origini tal-merkanzija importata. Fil-fatt, il-Kontrollur tad-Dwana ghandu sa sentejn wara l-importazzjoni, kif sewwa esprimiet l-ewwel Qorti, sabiex jaghmel il-verifiki ulterjuri sussegwentement ghall-importazzjoni u jekk jaghmilx dawn il-verifiki je le hija haga kompletament diskrezzjonali f'idejh. Fil-kaz in ezami, ghalhekk, l-attur ezercita din id-diskrezzjoni li taghtih il-ligi. Effettivament, kien biss wara li d-Dwana Ingliza infurmat lil dik Maltija li l-EURO1 certificate fuq imsemmija f'din il-kwistjoni "does not meet the

requirements as to authenticity and accuracy" li l-attur kien sodisfatt li parti mill-merkanzija tal-konvenut nomine appellant ma kienitx torigina minn xi pajjiz gewwa l-Komunita` Ewropeja, u ghalhekk wara impona dazju ghola fuq dik il-parti tal-merkanzija.

11. Hija prassi li hu l-importatur li ghandu jissodisfa r-rekwizit li merkanzija torigina mill-Komunita` Ewropeja permezz ta' l-imsemmija certifikati EURO1, liema certifikati jistghu dejjem jigu 'challenged' mill-Kontrollur tad-Dwana, sahansitra anke wara l-importazzjoni tal-merkanzija gewwa Malta, u dan billi hu jitlob verifika ulterjuri ta' dawk ic-certifikati. F'kaz ta' tali 'challenge', l-importatur ghandu jaghmel l-almu tieghu kollu biex jipprova l-kontenut tac-certifikati EURO1 u b'hekk jibbenefika mir-rata preferenzjali ta' dazju.

12. Issa fil-kaz in ezami, il-konvenut nomine appellant, ghalkemm gie interpellat biex ihallas rata ghola ta' dazju u dan wara li l-attur ghamel il-verifika li ried jaghmel u hareg il-'Post Entry', fil-fatt ma ghamel xejn biex jiccara l-kwistjoni favur tieghu, u dan kif kien fl-interess tieghu li jaghmel. Kull ma ghamel il-konvenut appellant kien li baqa' jinsisti fuq id-dokumenti prezentati minnu ghar-rilaxx tal-merkanzija meta din waslet Malta. Dan l-atteggjatament tal-konvenut nomine certament mhux bizzejjed u l-argument tieghu zgur ma jezonerahx mill-obbligu tieghu li jara li d-dokumenti tieghu huma shah, korretti u veraci. Fil-fatt, l-argumentazzjoni kollha tal-konvenut nomine appellant dwar in-nuqqas tas-'supplier' ta' barra u/jew tad-Dwana Ingliza ma humiex rilevanti ghall-kaz in ezami. Kienet ghalhekk, korretta l-ewwel Qorti dwar dan.

13. Mistoqsi specifikament mill-ewwel Qorti (ara deposizzjoni ta' Stephen Sullivan, xhud ta' l-attur, a fol. 88 tal-process), dwar xi spjegazzjoni kellu ghall-fatt li mill-investigazzjoni li saret kien irrizulta li parti mill-merkanzija ma kienitx ta' origini "EU", kif dikjarat mill-attur nomine, dan ix-xhud wiegeb hekk,
"Jien ifhimni, ir-risposta li nista' ntik fuqha dik hija illi go l-Ingilterra hemm sistema, ghandek 'manufacturer',

imbaghad ghandek ‘wholesaler’, u ghandek id-Dwana Ingliza. Issa meta inti ghandek (sic) meta inti ma tixtrix minghand il-‘manufacturers’, tixtri minghand ‘wholesalers’, mhux dejjem dan il-‘wholesaler’ jekk ikollu, kif naqbad nghidlek? – kuntatt mal-‘manufacturer’, qed tifhem? Dik hi, dik li, l-evidenza li ghandhom huma huwa (sic) mhux illi l-prodott mhux “EU”, li jrid ‘supporting documents”.

Certament b’daqstant mhux bizzejjed biex il-konvenut nomine jezonera ruhu mill-htiega li hu jfornixxi “supporting documents” lill-awtoritajiet doganali lokali ghall-fini ta’ rata preferenzjali ta’ hlas ta’ dazju. Jekk kien hemm xi haga monka bil-fatt li minflok ma hu nnegozja direttament mal-manifattur, u nnegozja tramite l-grossista, dan kollu ma kien ta’ ebda rilevanza ghall-obbligi tieghu versu d-Dwana Maltija u jekk dan wassal biex certa dokumentazzjoni mehtiega baqghet ma gietx prodotta kif suppost, allura jfisser li l-konvenut nomine ma ggustifikax il-pretensjoni tieghu li ebda dazju addizzjonali ma kien dovut minnu ghar-raguni fuq indikata.

14. Il-punt essenzjali li kellu jigi dibattut f’dan il-kaz hu biss jekk l-attur kellux dritt li jaghmel verifiki ulterjuri u li, in bazi tar-risposti ghalihom li nghata mid-Dwana Ingliza, kellux dritt li johrog il-‘Post Entry’ u jitlob il-hlas ta’ aktar dazju b’rata ghola. Dan hu l-punt kollu f’dawn il-proceduri, u gia` gie spjegat qabel li l-attur Kontrollur tad-Dwana ghandu, fid-diskrezzjoni tieghu, id-dritt li jaghmel dak li fil-fatt ghamel f’dan il-kaz. Stabbilit dan il-punt favur l-attur, l-ewwel Qorti kellha imbaghad il-kompitu li tara jekk, per konsegwenza, kienx hemm dazju addizzjonali x’jithallas. Mill-provi akkwiziti anke dan il-fatt jirrizulta sufficjentement ippruvat.

Ghalhekk l-ebda wiehed mill-aggravju ta’ l-attur nomine ma jirrizultaw fondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-attur nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Deputat Registratur
mg

**<u>APPENDICI "A"</u>**
**Kopja tad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti moghtija fit-2 ta' Ottubru 2000, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------